# ĠGANTI TA' DAVID ALOISIO




Il-kunċett ta' letteratura tat-tfal ġie żviluppat f'nofs is-seklu 20 u llum hemm għarfien dwar il-valur li dan għandu mhux biss fl-iżvilupp tal-lingwa tat-tfal imma wkoll tal-ħsieb. Kif jgħidu l-awturi u riċerkaturi Şimşek u Yakar, f'riċerka tagħhom tal-2014, illi fiha anke kienu wkoll edituri, meta nitkellmu dwar letteratura għat-tfal qed nifhmu dwar kotba ta' kwalità, kemm ta' proża kif ukoll ta' poeżija, immirati għal etajiet varji minn dawk bikrin sa żgħażagħ adoloxxenti. Il-letteratura tat-tfal tgħinnhom sabiex jimirħu fl-immaġinazzjoni u b'hekk trawwem fihom il-kreattività.

Anke l-awturi Galda u Cullinan (2003), fix-xogħol tagħhom Literature for literacy: What research says about the benefits of using trade books in the classroom, jisħqu li meta t-tfal jinteraġixxu mal-letteratura jkunu qed jiżviluppaw il-lingwa, billi l-kotba jindirizzaw il-bżonnijiet tal-litteriżmu tat-tfal.

Ġganti (2022) huwa rumanz għat-tfal miktub minn David Aloisio, li jista' jiġi kklassifikat fil-ġeneru tal-fantażija. L-awtur isawwar frame narrative li tlaqqa' lill-qarrejja ma' Żita – it-tfajla protagonista li tgħix ma' ġenituri li aktar ħsiebhom fix-xogħol milli fiha – u li mbagħad teħodhom fi vjaġġ lejn gżira fejn jgħixu kreaturi ġganteski li jidhru tal-biża' imma fil-verità huma ġentili. Il-parti prinċipali għalhekk hija f'dinja li ma nafux fejn. Il-ktieb fih dawk l-ingredjenti li t-tfal jiggustaw, bħal ma ngħidu aħna annimali kbar, jissemmew il-baleni. P.23, l-iljunfanti (p.74) eċċ. Ma jonqosx il-misteru u żoni li joħduk fi żminijiet imbegħda. Elementi oħra li jogħġbu lit-tfal huma fejn hemm dik iċ-ċerta sfida u anke kurżitajiet. Kif jgħid l-awtur Bruno Bettelheim, fil-ktieb tiegħu The Uses of Enchantment (1976), l-istejjer (hawnhekk Bettelheim jaċċena għal ħrejjef) jesploraw esperjenzi u emozzjonijiet kumplessi li jirrelataw mal-ħajja tagħna l-bnedmin.

Iżda t-tfal għandhom ħabta li jisimgħu storja li tqanqalhom, jgħaġġlu biex issir taf kif tispiċċa; u dan huwa kruċjali għalihom. Aħna l-adulti, hemm ċans jiddependi mill-ħila li nkunu dakkarna li nanalizzaw, li nagħrblu l-istorja, naraw dak li mhux daqstant fil-wiċċ u ninterpretaw skont il-kuntest tagħna. Jekk nieħdu storja tat-tfal komuni, ngħidu aħna "Little Red Riding Hood" li fil-Malti nafuha bħala "Barnuża ħamra", hija mimlija simboli u u diversi interpretazzjonijiet.

Kif jgħid Grimm, fil-ktieb Little Red-Cap (2021) f'moħħ l-adult se toħroġ it-tema tal-għaqal, tal-kawtela. Ħa nkun ċar: Ma jfissirx li t-tfal jaraw biss dak li huwa superfiċjali u persważ li anke f'moħħ l-awtur kien hemm li jrawwem il-ħsieb kritiku tat-tfal u anke jpoġġilhom diversi dilemmi morali quddiemhom. Skont dejjem l-esperjenza tagħhom, f'waqtiet mill-istorja, t-tfal ser jgħidu "Le hekk mhux sew!" jew inkella "Dan mhux kif ħsibt jiena." Jidhirli li dan l-għan jintlaħaq. Għaldaqstant, dan il-ktieb Ġganti, filwaqt li tista' taqrah b'mod aktar leġġer, tista' mill-banda l-oħra tidħol aktar fil-profond u tista' tagħmel anoloġija mal-ħajja tal-lum.

Fil-bidu tal-istorja nsibu referenza b'mod ċar ħafna, ngħidu aħna, għal dawk l-imkejjen x'aktarx fil-kampanja tagħna li jispiċċaw b'xi mod għand il-privat u jingħalaq l-aċċess għalihom. Ovvjament l-istorja ma tidħolx fid-dibattitu jekk dawn mhumiex tabilħaqq privati, jekk ġewx ikkapparrati jew liema minnhom huma bi dritt jew le. Biss, għallinqas fl-interpretazzjoni tiegħi, ma stajtx ma nirrelatax mal-każ ta' nuqqas ta' aċċesss li għandna f'pajjiżna lejn waħda mill-bajjiet tagħna, minħabba art li tagħti għaliha ta' wieħed mill-iżviluppaturi kbar. Fl-istorja naqraw:

"Nada mxiet sa ħdejn tabella li dehret ġdida u lifuqha kien hemm kliem ta' twissija: PRIVATE LAND BEYOND THIS POINT – ACCESS STRICTLY TO SHORELINE.

"Haw xi bażużlu għamel kulm'haw' tiegħu," qalet Żita b'għajnejha maqlubin" (p.28).

Referenza oħra li nsibu hija dwar it-torrijiet. Naqraw hekk:

"Minkejja li t-torri kien twal ġmielu, il-ħidma fuqu donnha ma setgħet tintemm qatt; kull min kien jaħseb li t-torri għola biżżejjed, kien jarralu għax kuljum kienu jibqgħu jiżdidulu saffi ġodda" (.p.108).

Il-parti tal-istorja fejn il-mexxej il-ġdid ried li t-torri tiegħu jmiss is-sħab għandha ispirazzjoni Biblika tat-Torri ta' Babel li saħansitra waset għal konfużjoni. Dwar din is-silta tat-torri ta' Babel f"Ġenesi 11:4 insibu hekk: "Ejjew nibnu belt għalina, u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet, u nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu tal-art."

Ninnutaw ix-xebh mal-iżvolġiment tal-istorja ta' Aloisio. Imbagħad inkompli naqraw kif għall-kuntrarju, fil-bidu "minkejja li l-ġganti kienu jitkellmu bejniethom bil-lingwa stramba tagħhom, n-nies xorta kienu jaqbdu art ta' x'riedu jfsissrulhom" (p.69). Jekk nibni analoġija Biblika dan jixbaħ ħafna dak li nsibu fil-ġrajja ta' Għid il-Ħamsin fejn id-dixxipli bdew jiftiehmu minkejja l-il-